**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta` Dicembru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**DAVID SCHEMBRI**

**Kump. Nru. 513/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat, **David (David Norbert) Schembri**, detentur tal-karta tal-identita' numru 369676M, gie akkuzat talli fil-11 ta' April 2012 ghall-habta tas-6.15pm, u / jew hinijiet qabel gewwa Division 6 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Volontarjament ta nar lill-bini jew lok iehor (cella numru 17 f'division 6) meta gewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok iehor (cella) jew dan il-materjal kien qieghed b'mod li seta' qabbad il-hruq lill-bini iehor jew lok iehor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuna;

2. Volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamilt hsara fuq cella numru 17 liema hsara ma tiskorrix is-somma ta' elf, mija u erbgha u sittin Euros u disgha u sittin centezmu (€1164.69) (LM500) u izjed minn mija u sittax Euros u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) (LM50);

3. U aktar talli fit-22 ta' April 2012 ghall-habta tal-10.45am, gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u/jew hinijiet wara ingurjajt, heddidt, jew ghamilt offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Spiridione Zammit, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. U aktar talli fil-11 ta' April 2012 ghall-habta tas-6.15pm u/jew hinijiet wara, gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gzejjer ingurjajt, heddidt, jew ghamilt offiza fuq PC1395 David Abela u CO85 Godwin Agius, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli b'hekk sirt recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-4 ta` Frar 2013 (ara *folio* 82) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja, moghti fl-udjenza tal-4 ta` Marzu 2013 (ara *folio* 83);

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Brevement, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar il-11 ta` April 2012, ghall-habta tas-6.00pm, gewwa l-Facilita` Korrettiva ta` Kordin, l-awtoritajiet ta` l-istess facilita` indunaw li kien hemm cella, propju cella numru 17 gewwa divizjoni 6, qeghda taqbad, propju ghax xammew riha ta` hruq u raw id-duhhan. Intervjenew mill-ewwel biex jikkontrollaw in-nar li kien gej minn saqqu li kien qed jaqbad. Irrizulta illi c-cella in kwistjoni kienet assenjata lill-imputat. Meta l-ufficjali intervjenew biex jikkontrollaw in-nar, instab illi l-hwejjeg u l-affarijiet ta` l-imputat kienu migbura f'boroz izda barra mic-cella. L-imputat ma kienx fic-cella izda kien fid-divizjoni numru 6 propju fejn hemm tali cella. L-ordni kienet li l-imputat jitnizzel f'sezzjoni ohra u jhalluh bil-qalziet ta` taht biss minhabba s-safety tieghu..

**Ikkunsidrat**;

Mhux ikkontestati, bhala fatti, sufficjentement ippruvati, illi c-cella in kwistjoni kienet tappartjeni lill-imputat, li fil-hin li hija giet mahruqa, l-istess imputat kellu access ghaliha u li fil-hin li giet mahruqa, huwa kien, effettivament fl-inhawi taghha gewwa divizjoni 6. Mhux ikkontestat ukoll li malli intervjenew l-ufficjali sabiex jitfu n-nar, instab li l-affarijiet u l-hwejjeg personali ta` l-imputat kienu migbura f'boroz u barra c-cella.

Ta min jinnota illi ftit minuti (circa 10 jew 15-il minuta) qabel ma tqabbad is-saqqu gewwa c-cella in kwistjoni, kienet saret 'fall in', f'liema ezercizzju kien gie nnotat li l-hwejjeg u l-affarijiet ta` l-imputat kienu gewwa fic-cella (ara folio 43 u 44). Kien sussegwenti ghall-hruq li dawn l-effetti personali tieghu gew innotati barra c-cella.

Gie ppruvat illi immedjatament, il-pulizija marret tkellem lill-imputat, li kien qieghed f'cella vojta li jirreferu ghaliha bhala 'isolation' jew 'single room'. Pero` huwa mill-ewwel qal lill-pulizija li ma kellux aptit ikellimhom u jekk riedu setghu imorru l-ghada.

Din il-Qorti hasset li ghandha tippuntwalizza dawn il-fatturi ghaliex huma tali li ghandhom piz fuq ir-rizoluzzjoni ta` din il-kawza. Dawn huwa lkoll provi indiretti li

jehtieg li jigu ezaminati u determinat jekk humiex tali u idonei bizzejjed biex a bazi taghhom tista tigi dikjarata l-htija ta` l-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti hadet nota ta` l-enfasi li ghamlet id-difiza fuq il-fatt li hadd ma ra lill-imputat jahraq is-saqqu (li bhala konsegwenza kien hemm in-nar fic-cella numru 17 f'divizjoni 6) u li l-prosekuzzjoni naqqset milli ggib bhala prova c-CCTV footage biex ikollha prova cara ta` min ghamel dan il-fatt allegat.

Il-Qorti innotat ukoll illi in sostenn ta` dan kollu, l-imputat tela jixhed u qal li c-cella kien haraqha Alfred sive Fredu Bugeja maghruf bhala l-Porporina, peress illi dan stqarr ma l-imputat (qabel ma sehh il-fatt) li ried jaqla panic u bhal speci l-imputat ma sab ebda oggezzjoni li tkun ic-cella tieghu li tigi mahruqa.

Bl-akbar rispett lejn id-difiza, din il-Qorti mhux ser tehli wisq hin fuq il-verzjoni li ta l-imputat peress illi, mehud kollox flimkien u mill-analizi ta` l-istess verzjoni u l-komportament ta` l-imputat, hija l-fehema assodata ta` din il-Qorti li din il-verzjoni hija inverosimili, mhux ta` min joqghod fuqha, u lanqas b'xi mod ma giet ikkorroborata, sal-grad tal-probabbli.

Il-Qorti tistaqsi, la darba, snin wara l-akkadut, l-imputat qed jipponta subghajh lejn terza persuna, ghaliex ma gabx prova, li kienet tkun minima imma relevanti, li effetivament, fil-hin ta` l-akkadut, l-imsemmija terza (Alfred sive Fredu Bugeja l-porporina) persuna kienet fid-divizjoni numru 6 u konsegwentement fl-inhawi tac-cella mahruqa. Kien l-imputat li hareg b'dan il-fatt, u allura kellu jkun hu li jipprovah sal-grad rikjest minnu skond il-ligi.

Fi kliem iehor, din il-Qorti qed tiskarta dak kollu li l-imputat qal fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, ghaliex hija depozizzjoni li ma ghandha ebda valur u ebda influwenza.

**Ikkunsidrat**;

Jifdal ghalhekk li din il-Qorti taghmel analizi meqjusa u dettaljata tal-korp tal-provi migjub mill-prosekuzzjoni u tara jekk tali korp tal-provi jwassalx ghas-sejbien tal-htija ta` l-imputat.

Huwa veru li hadd ma ra lill-imputat jahraq is-saqqu in kwistjoni jew hiereg mic-cella sekondi wara li tqabbad is-saqqu.

Izda fil-fehema ta` din il-Qorti, il-provi cirkostanzjali lkoll imressqa mill-prosekuzzjoni u aktar il-fuq esposti, mehuda lkoll flimkien, huma univoci u konkordanti u jippontaw lejn direzzjoni wahda – u cioe` li kien l-imputat li ta n-nar lis-saqqu u c-cella numru 17 f'divizjoni 6 dakinhar tal-11 ta` April 2012 ghall-habta tas-6.00pm. U ghalkemm fic-cella ma kien hemm hadd, in-nar kien potenzjalment tali u seta jkompli jinfirex f'lok (kien hemm detenuti ohra fid-divizjoni 6) fejn f'dak il-waqt kien hemm persuna jew persuni ohra.

Gie ppruvat ukoll li l-hsara effettivament ikkawzata kienet tammonta ghal €266 (ara folio 16).

Ghalhekk l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet gew ippruvati skond il-ligi.

**Ikkunsidrat**;

Dwar it-tielet u r-raba imputazzjonijiet, dawn gew ukoll sufficjentement ippruvati. A folio 41 jirrizulta li l-imputat, immedjatament wara li gie kkontrollat in-nar, lissen, *inter alia*, dawn il-kliem lill-PC 1395 David Abela :

> ***'….. Irrid nghidlek ukoll jiena mhux se nwegga lil nnifsi, pero jekk nasal inwegga lili nnifsi, irrid inwegga lil wiehed minnkom qabel'.***

Dan hu zgur kliem ta` theddid – lil persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku - bi ksur ta` l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ukoll, nhar it-22 ta` April 2012, meta l-Ispettur Spiridione Zammit mar biex ikellem legittimament lill-imputat dwar dak li kien sehh nhar il-11 ta` April 2012, l-imputat

beda joffendi lill-Ispettur imsemmi bil-familja tieghu, jitkellem hazin, jinsulentah (ara folio 11) u jhedded bil-kliem (ara folio 14).

Skond l-atti *a folios* 3 sa 7 (fedina penali), 22 sa 28, 67 u 68, u 74 sa 77, l-imputat ghandu jitqies li huwa recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Dwar il-piena, ftit hemm x'jinghad. Il-piena kkontemplata ser tkun wahda li tirrifletti l-fatti, l-imputazzjonijiet kollha li taghhom ser jigi dikjarat hati taghhom l-imputat, l-fedina penali tieghu, u fuq kollox ser tkun piena entro l-parametri mposti mill-ligi.

**Konkluzjoni.**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 33A, 49, 50, 95, 317(b) U 325(1)(b) TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT DAVID (DAVID-NORBERT) SCHEMBRI (369676M), BHALA RECIDIV, HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U TIKKUNDANNAH KOMPLESSIVAMENT GHAL TLETT (3) SNIN U DISA (9) XHUR PRIGUNERIJA.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur